MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Numru 306/2007

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Saviour Psaila
Domenic Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Saviour Psaila u Domenic Spagnol detenturi ta’ karta ta’ identita’ numru 101864M u 58769M rispettivament, akkuzati b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Talli nhar is-16 ta’ Marzu, 2007 ghall-habta tat-8:30 ta’ fil-ghaxija u f’diversi drabi matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, gewwa Hal-Qormi, ikkommettew serq ta’ diversi prodotti

mill-fabrika Lowenbrau Malta Ltd u li dan is-serq sar ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-imsemmija kumpanija, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin u l-persuna.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet liz-zewg imputati jirregistraw ammissjoni f'din l-ewwel dehra fl-liema ammissjoni huma baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikunsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputati jinsabu akkuzati b'serq ta' xi prodotti mill-fabbrika Lowenbrau meta kienu impjegati taghha.

L-ammissjoni da parti taghhom hija volontarja u inkondizjonata u hi wkoll suffregata mill-istqarrijiet taghhom rilaxxjati lill-Pulizija.

Ir-refortiva pero' giet irkuprata u din ser tittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena kif ser jigi kunsidrat ukoll il-fedina penali netta taghhom.

Rat l-artikolu 261(b)(c)(d), 263, 267, 268, 278, 279, 280(2), 17, 31 tal-Kap 9 tiddeciedi li tilliberahom bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom derivanti skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------